MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 120/2006

**Socjeta’ Maltacom p.l.c. [C 22334]**

**vs**

1. **Geres Health & Fitness Limited [C 21885]**
2. **Mariella Geres sive St. John [ID 360168M]**
3. **Richard Geres [ID 19740A]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti *in solidum* ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, erba’ mija u disgha u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm2,459.86), bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 380642/3 u 331695/6, dana skond ma kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A u B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet flimkien mat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kontra l-konvenuti mid-data tal-prezentata tar-rikors, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti Mariella Geres sive St. John u s-socjeta' Geres Health & Fitness Limited iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti Mariella Geres sive St. John u s-socjeta' Geres Health & Fitness Limited naqsu u ma dehrux, la fl-10 ta' Jannar, 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti Mariella Geres sive St. John u s-socjeta' Geres Health & Fitness Limited.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------